MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 245/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlo Ellul)**
**Vs**

**Anthony Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta’ Dicembru, 2006, ghall-habta tas-2.15 p.m., gewwa l-“Games Room” li tinsab go “Bay Street”, Triq Santu Wistin, San Giljan,
1) b’eghmil zieni, ikkorrompa persuna cioe’ dik ta’ omissis, li ma ghalqitx l-eta’ ta’ tnax il-sena, liema delitt sar minn axxendent, mid-demm jew bi zmiew, mill-missier jew l-omm adottivi, mir-ragel jew mil-mara, jew mit-tutur tal-persuna minuri, inkella minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, kien gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebha, jedukha, jghallimha, jindukraha jew izommha, w

dan bi ksur ta’ l-Artikoli 203, 204(a)(c) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.
2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess persuna, w dan bi ksur ta’ l-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku, w dan bi ksur ta’ l-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Gunju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 203(1)(a)(c), 207 u 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza, b’assorbiment ghal fini ta’ piena tat-tieni w it-tielet akkuza, w wara li rat l-artikoli 203(1)(a)(c), 207 u 209 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta, kkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tieghu w tirriforma l-piena ghal wahda aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata netta tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huma s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti, ghalkemm imponiet sentenza minima ta' tlitt snin prigunerija, setghet timponi pieni alternattivi jew anki tmur taht il-minimum stante li hemm cirkostanzi eccezzjonali li jimmeritaw dan. Il-Perit Psikologa kienet irrakkomandat li l-appellant jibqa' fis-socjeta' izda taht supervizjoni ghax il-habs ser joffri riskju ghas-sahha mentali tal-appellant. Biex il-Qorti tiskarta rakkomandazzjoni ta' espert nominat minnha irid ikun hemm bazi gusta. Din hi l-ewwel darba li l-appellant kellu kuntatt mal-gustizzja w minkejja d-deficjenza intellettwali tieghu, llum hu *"low risk"* li jerga' jaghmel dak it-tip ta' reat

li ghamel u jekk imur il-habs, meta johrog, jista' jkun ta' aktar riskju ghas-socjeta'.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] **, "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F' dan il-kaz il-piena mhux biss hija decizament entro l-parametri tal-ligi imma hi l-aktar wahda baxxa li setghet taghti l-Ewwel Qorti skond l-artikolu 203 (1)(a)(c) tal-Kodici Kriminali ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kif ammess mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, bl-assorbiment tat-tieni u t-tielet imputazzjoni ghall-fini tal-piena, u dan stante l-konkors ideali jew formali ezistenti bejn it-tlitt reati lilu imputati li skaturew minn fatt uniku.

Pero' meta fliet l-atti processwali din il-Qorti rat li, minkejja li l-appellant ammetta mill-ewwel l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, dan kien kaz ta' **<u>tokkata fugaci w momentanja</u>** fuq il-parti t' isfel tad-dar tat-tifla minorenni, cioe' fuq il-warrani, sia pure taht il-hwejjeg da parti tal-appellant, fatt li fil-fehma ta' din il-Qorti - skond gurisprudenza stabilita - aktar jinkwadra taht ir-reat ta' attentat vjolent ghal-pudur milli ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fl-estremi tieghu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Micallef"** [13.11.1998] ; "**Il-Pulizija vs. Kelinu Mifsud"** [8.1.1955]; **"Il-Pulizija vs. Andrew Bonnici"** [23.1.1998]; **"The Police vs. Thomas Wiffen"** [8.1.1996]; **"Il-Pulizija vs. James Demanuele"** [2.10.2000] ; **"Il-Pulizija vs. A. B."** [11.5.2005] ; "**Il-**

**Pulizija vs. John Buttigieg"** [12.9.2005**]; "Il-Pulizija vs. Michael Borg"** [10.9.2007] u ohrajn).

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002]

*"Ghandu jigi osservat ukoll li meta jkun hemm ammissjoni kif prevista fl-Artikolu 392A(1), u wara li jsir dak li ghandu jsir skond l-Artikolu 453(1), il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tista' tghaddi biex taghti s-sentenza. S'intendi dik il-Qorti ghandha l-obbligu li tisma' kemm lill-prosekuzzjoni kif ukoll lid-difiza dwar il-piena; u xejn ma jzomm lil dik il-Qorti milli tordna, jekk jidrilha li jkun utili li taghmel hekk sabiex ikollha stampa ahjar tal-fatti, li jinstemghu ix-xhieda jew xi xhieda. Ghalkemm l-iskop tal-legislatur meta introduca s-subartikolu (6) tal-Artikolu 370 u l-Artikolu 392A(1)(2) kien li tigi evitata l-kumpilazzjoni, bid-dewmien li din necessarjament iggib, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu geluzi li ma jissagrifikawx il-gustizzja oggettiva fil-ghoti tal-piena fuq l-altar tal-konvenjenza jew tal-pseudo-efficjenza bbazata fuq cifri u statistika."*

Fil-kaz in dizamina, fil-fatt, l-Ewwel Qorti korretement semghet bil-gurament u f'zewg seduti separati (26 ta' Marzu, 2007 u 4 ta' Mejju, 2007) lill-Ispettur Carmelo Ellul, li ezibixxa, fost affarijiet ohra, l-istqarrija tal-appellant li minnha jirrizultaw il-fatti kif ukoll l-okkorrenza, lill-omm l-appellant u lill-perit psikjatra nominata mill-istess Qorti Dr. Roberta Holland.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet "**Il-Pulizija v. Martin J. Camilleri"**, fuq ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, ammenokke` ma jirrisultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah cioe` ssibu hati ta' xi reat lilu addebitat.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz w hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti, wara li semghet biss ix-xhieda tal-Ispettur Prosekutur u rat l-istqarrija tal-appellant u l-kopja tal-okkorrenza li gew esebiti fl-ewwel seduta, setghet ma accettatx l-ammissjoni tal-appellant fuq l-Ewwel akkuza w setghet tordna li l-kumpilazzjoni titkompla. Umbaghad, jekk tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellant ma kienx hati tal-ewwel imputazzjoni ta' korruzzjoni ta' minorenni, ma kienetx tkun prekluza milli tapplika piena aktar idonea skond l-artikolu 207 ghar-reat ta' attentat vjolent ghal-pudur sija pure bl-aggravanti w zieda fil-piena skond il-proviso tal-istess artikolu, fejn il-piena massima karcerarja kienet tkun ta' tmintax il-xahar prigunerija. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet tkun f' pozizzjoni li taccetta r-rakkomandazzjoni tal-perit psikjatra.

In fatti l-Perit psikolga Dr. Roberta Holland nominata mill-Ewwel Qorti stess fir-relazzjoni studjata w dettaljata taghha rrakkomandat bil-qawwa kollha li l-appellant, li hu "*first time offender*" ma jinghatax piena karcerarja izda jitpogga taht supervizjoni stretta.

Il-perit psikjatra qalet testwalment :-

*"There are also indications that he functions at a Below/Low Average level of intellectual functioning. Mr. Camilleri obtained a high score in areas directly related to and as a consequence of his offence…There were no indications of sexual aggression or deviance in sexual references or behaviour…In terms of risk of recidivism, it appears that the risk would remain lower if supervision is high."*

Gara pero' li l-Ewwel Qorti qaghdet fuq l-ammissjoni totali u fuq l-akkuzi kollha tal-appellant u sabet htija kif fuq intqal. Inoltre l-appellant issa mhux qed jappella mid-dikjarazzjoni ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni w ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tirrevoka tali dikjarazzjoni.

L-appellant jissottometti li hu ma nghatax il-beneficcju tal-ammissjoni bikrija tieghu b' riduzzjoni fil-piena. Din il-Qorti

tosserva qabel xejn li kif gie ritenut (minn din il-Qorti kolleggjalment komposta) fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri*** (5 ta' Lulju, 2002) l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Ir-regoli generali li ghandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew infissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi***, u dan b'referenza ghall-prassi fil-Qrati Inglizi. F'dik is-sentenza kienet saret referenza ghal bran mill-edizzjoni tal-1991 ta' **Blackstone's Criminal Practice** (Blackstone Press Limited). Din il-Qorti ser tirriproduci il-bran relevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-manwal, u dan peress li hija taqbel mal-principji espressi f'dana l-bran u qed taghmilhom taghha[1]:

"**Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In *Buffery* (1992) 14 Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been**

[1] S'intendi, dan kollu li ser jinghad huwa bla pregudizzju ghal dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jipprovdu ghal tnaqqis fil-piena meta javveraw ruhhom certi cirkostanzi espressament imsemmija fl-istess disposizzjonijiet: ez. l-Artikoli 89, 200(1) u 337 tal-Kodici Kriminali, jew l-Artikolu 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101).

**caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* (1988) 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* (1995) 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* (1985) 82 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 415. The leading case in this area is *Costen* (1989) 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in *Costen* that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts. In *Byrne* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 165 it was held that an offender who had absconded and remained at large for 19 months was not entitled to expect a discount for his guilty plea when he pleaded guilty after being re-arrested.**

Fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li l-appellant ammetta mal-ewwel mal-pulizija, kif ukoll fil-Qorti, u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz huwa ghandu jibbenefika mid-"*discount"* kollu li tista' taghtih din il-Qorti. Kif tajjeb osserva l-abbili difensur tal-appellant, jekk wiehed iqis li l-att li sar aktar jista' jammonta ghal attentat vjolenti ghall-pudur milli ghal atti li jirrazentaw il-korruzzjoni ta' minorenni, ghal semplici tokkamenti ta' malajr li ma jkunux preceduti jew segwiti b'xi attitudini ta' seduzzjoni[2] -- dak li

[2] Ara, ***Il-Pulizija v. Joseph Micallef*** App. Krim. 13 ta' Novembru, 1998.

ghamel l-appellant, deplorevoli kemm hu deplorevoli, qieghed fuq in-naha t'isfel ta' l-iskala ghal dik li hi gravita`. Il-fedina penali ta' l-appellant hija wahda netta ghal kollox.

Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li biex issir gustizzja mal-appellant ghandha tintervjeni w tvarja l-piena billi b' riduzzjoni tal-piena b' terz (1/3) minnhabba l-ammissjoni bikrija tieghu, tirrivedi l-piena w teroga piena ta' sentejn prigunerija w inoltre tirrendiha sospiza, b' dana li ikun hemm ordni ta' supervizjoni stretta fuq l-appellant minn *probation officer* li jigi dettaljat ghall-kaz bl-ghajnuna tal-perit psikjatra li giet nominata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi tikonfermaha fejn sabet lill-apellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu (stante li hu ma intavolax appell fuq il-mertu dwar l-ewwel imputazzjoni) u tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' tlitt snin prigunerija w minnflok, tikkundanna lill-appellant ghal sentejn prigunerija, b' dana li din is-sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba (4) snin mill-lum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali w inoltre qed tpoggi lill-appellant taht ordni ta' supervizjoni skond l-artikolu 28G tal-Kap.9 u tqieghed lill-appellant taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghall-periodu ta' erba snin, liema ufficjal sorveljanti ikun irid jagixxi f' konsultazzjoni w ko-operazzjoni kontinwa mall-esperta psikologa nominata mill-Qorti, Dr. Roberta Holland, li qed tigi konfermata fin-nomina taghha ghal dan il-ghan, u dana bil-kondizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuq l-appellant fl-istess ordni, fosthom dik li bl-ebda mod ma jersaq lejn, jimpjega ruhu jew jiffrekwenta ghal xi raguni, tkun li tkun, xi post fejn ikun hemm it-tfal taht l-eta' ta' tmintax il-sena.

Il-Qorti qed tfiehem bi kliem car lill-appellant ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul l-erba snin mil-lum reat li ghalih hemm

piena ta' prigunerija kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 28A (4) tal-Kodici Kriminali.

L-isem tal-appellant jista' u ghandu jissemma f' kull rapport fil-media biex ikun jista' jigi identifikat facilment mis-socjeta'.

Invece l-isem tal-minuri, tal-genituri taghha w fejn toqghod, m'ghandux jigi pubblikat biex tigi protetta l-identita' tal-istess minuri.

Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghall-obbligu tieghu skond l-art. 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------